



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2013/2061 (INI)

26.9.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza fl-Ikel

dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 – Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21
(2013/2061(INI))

Rapporteur: Juozas Imbrasas

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 u jemmen li din toffri sett ta' linji gwida importanti għall-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar kif jistgħu jagħmlu s-sistemi tas-saħħa sostenibbli filwaqt li jiżguraw aċċess universali u dwar kif għandhom iħejju s-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-UE għall-isfidi ta' llum, li jinkludu l-fatt li l-popolazzjoni qed tixjieħ, l-eżodu taż-żgħażaġ miż-żoni rurali, l-inċidenza dejjem ogħla tal-mard kroniku, il-ħtieġa ta' kura adegwata għall-pazjenti b'xi forma ta' diżabilità, il-ħtieġa li tinżamm id-dimensjoni umana fil-kura tas-saħħa, id-diffikultà dejjem akbar biex jiġu separati kwistjonijiet mediċi minn dawk soċjali, in-numru li dejjem jikber ta' pazjenti spostati, id-domanda li qiegħda dejjem tikber għal kura ta' kwalità u għal servizzi speċjalizzati, il-ħtieġa li r-riżorsi – li qed isiru dejjem aktar skarsi – jintużaw b'mod aktar effiċjenti u li jitnaqqsu l-burokrazija u l-korruzzjoni, u l-ħtieġa li jinħoloq ambjent tas-suq aċċessibbli u stabbli biex jitħeġġu l-innovazzjoni, l-impjiegi, l-iżvilupp soċjali u l-ekwità;
2. Iqis li, kemm minħabba l-impatt tal-bidliet demografiċi u kif ukoll minħabba t-tnaqqis fin-numru ta' persunal fil-qasam tal-kura tas-saħħa, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jridu jadottaw riformi strutturali kbar sabiex jagħmlu s-sistemi tas-saħħa sostenibbli u jiżguraw l-aċċess pubbliku għal servizzi b'livell għoli ta' kwalità fir-reġjuni kollha tal-UE, mingħajr eċċezzjonijiet;
3. Iqis li s-Saħħa elettronika, bħala suppliment għas-servizzi tas-saħħa konvenzjonali, tiftaħ opportunitajiet kbar għal titjib fl-aċċessibilità, il-flessibilità u l-istandard ta' servizzi u sistemi tas-saħħa nazzjonali u transkonfinali ta' kwalità u sostenibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE bl-istess kundizzjonijiet, indipendentement minn fejn jinsabu, miċ-ċittadinanza, mill-introjtu jew status soċjali tagħhom, mid-diżabilità li jista' jkollhom jew mill-età tagħhom; jenfasizza li l-għarfien tal-pazjenti dwar is-saħħa, il-ħiliet diġitali tal-pazjenti u tal-persunal tal-kura tas-saħħa (partikolarment fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta, li hija essenzjali biex ikun hemm il-fiduċja bejn il-partijiet kollha u biex l-ICT jiġu inkorporati b'mod aktar effettiv fis-settur tas-saħħa), l-aċċess għall-broadband u l-aċċess għal għodod tal-ICT tas-Saħħa elettronika li jiffavorixxu l-utenti huma essenzjali biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali, titjeb l-organizzazzjoni tat-trattamenti kif ukoll il-kwalità u s-sikurezza-fil-kuntast tat-trattament u tal-kura, jiġu eliminati l-inugwaljanzi tas-saħħa, ikunu żgurati s-sikurezza u s-sorveljanza għall-pazjenti u jkun provdut aċċess għal miżuri tal-kura tas-saħħa preventivi u pariri mediċi f'reġjuni remoti, reġjuni b'livell baxx ta' popolazzjoni u reġjuni li jkollhom xi żvantaġġ ieħor; iqis li f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol essenzjali x'jiżvolġu fit-tixrid tal-informazzjoni dwar il-benefiċċji u l-opportunitajiet tas-Saħħa elettronika, il-faċilitazzjoni tad-diġitalizzazzjoni, l-organizzazzjoni ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwu skont il-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali, u fl-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-voluntiera, li joffru valur miżjud għax jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali;
4. Iqis li l-Kummissjoni trid tiffaċilita l-użu tal-Fondi Strutturali tal-UE sabiex tistabbilixxi

infrastruttura tas-Saħħa elettronika fl-UE filwaqt li tiżviluppa linji gwida għall-interoperabbiltà ta' dawn is-sistemi fl-UE kollha;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat appoġġ adegwat għall-SMEs fil-qasam tal-kura tas-saħħa elettronika, biex ikun żgurat l-aċċess tagħhom għas-suq fuq termini ugwali, fil-kuntest tal-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u l-kontribut tagħhom għall-koeżjoni soċjali u territorjali;
6. Iqis li, bin-nuqqasijiet kollha tagħha, is-Saħħa elettronika għandha potenzjal kbir u tista' tkun ta' benefiċċju għall-pubbliku ġenerali, il-pazjenti, il-persunal mediku u l-awtoritajiet;
7. Iqis li l-provvista tal-għodod meħtieġa għall-użu tad-dejta pubblika u f'ħin reali se tiffaċilita komprensjonijiet aqwa tar-riskju tal-benefiċċju, it-tbassir ta' avvenimenti negattivi, u t-titjib fl-effiċjenza tal-valutazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa;
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni u l-politiki reġjonali, ta' sforzi sostnuti biex jiġu eliminati d-diverġenzi reġjonali, partikolarment fir-rigward ta' aċċess għal servizzi tal-ICT;
9. Jirrimarka li s-servizzi tas-saħħa effiċjenti huma għodda importanti għall-iżvilupp reġjonali u l-kompetittività; jinnota li f'ħafna Stati Membri, il-politika tas-saħħa hi, sa livelli differenti, fdata f'idejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u jilqa' l-involvement attiv tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti tas-Saħħa elettronika; jitlob li jissaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-iżvilupp tas-servizzi u tal-infrastrutturi tas-Saħħa elettronika u jħeġġeġ l-iżvilupp ta' sħubiji pubbliċi u privati biex jiġu ottimizzati s-servizzi mediċi u biex jintużaw bl-aktar mod effiċjenti; hu tal-fehma li approċċ tal-governanza li jiffunzjona tajjeb u b'ħafna livelli hu prekondizzjoni għat-tfassil u l-implimentazzjoni b'suċċess u tas-Saħħa elettronika u l-akkwist u l-iżvilupp ta' tipi ġodda ta' ħiliet diġitali mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-pazjenti;
10. Jinnota li, fid-dawl tad-differenzi ferm sostanzjali bejn ir-reġjuni tal-UE, is-Saħħa elettronika taf tkun vantaġġ prominenti, speċjalment għal residenti f'reġjuni anqas żviluppati, billi tipprovdilhom aċċess aqwaħjar, aktar trasparenti u irħas għal servizzi ta' kwalità;
11. Jenfasizza li d-differenzi reġjonali fl-aċċess għal servizzi tal-ICT u l-kopertura insuffiċjenti tal-broadband f'ċerti żoni jistgħu jfixklu l-adozzjoni tas-Saħħa elettronika; jirrakkomanda aktar investiment fl-infrastruttura tal-ICT, b'kunsiderazzjoni tal-opportunitajiet ta' finanzjament futuri taħt il-Politika ta' Koeżjoni, sabiex jingħalqu l-lakuni u biex jiġi ffaċilitat l-użu tas-servizzi tas-Saħħa elettronika;
12. Jenfasizza li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa hi kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, li għandhom ir-responsabbiltà u d-dmir li jiżguraw l-aċċess taċ-ċittadini kollha tagħhom għall-kura tas-saħħa ta' kwalità u jggarantixxu s-sostenibbiltà tagħha bħala servizz pubbliku essenzjali f'termini ta' koeżjoni soċjali u territorjali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, madankollu, tiżvolġi rwol aktar attiv fil-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati Membri, fit-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni, fis-sensibilizzazzjoni, fil-promozzjoni ta' investiment f'teknoloġiji innovattivi, fl-iċċarar tal-kundizzjonijiet u fl-identifikazzjoni ta' ostakoli komuni eżistenti għall-provvediment tal-kura tas-saħħa transkonfinali sabiex

tiggarantixxi l-interoperabilità tagħha (pereżempju fir-rigward tal-proċeduri tar-rimborżi u l-ġbir u l-evalwazzjoni ta' dejta tal-kura tas-saħħa), fil-faċilitazzjoni tal-iżvilupp konġunt ta' bażijiet tad-dejta fl-UE kollha u fil-valutazzjoni tal-effiċjenza ta' applikazzjonijiet eżistenti tas-Saħħa elettronika bl-għan li trawwim l-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa u l-pazjenti fil-livell tal-UE u dawk reġjonali u lokali;

13. Iqis li hi ħasra kbira, speċjalment fid-dawl tal-kriżi tal-kompetittività attwali fl-Unjoni, dwar it-tnaqqis propost għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-broadband u s-servizzi diġitali; jittama li l-finanzjament għal dan il-qasam fl-ambitu tal-inizjattiva Orizzont 2020 jinżamm; ihegġegħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jagħmlu użu effettiv mill-fondi tal-UE għall-finanzjament tas-Saħħa elettronika, mingħajr ma jnaqqsu l-fondi għas-servizzi tas-saħħa tradizzjonali jew jgħalqu sptarijiet tal-komunità, pereżempju, u jaqsmu bejniethom l-għarfien dwar is-saħħa;
14. Huwa mħasseb dwar in-nuqqasijiet sinifikanti fil-provvista tas-servizzi tas-saħħa fi żminijiet ta' kriżi, inter alia bl-għeluq ta' ċentri tas-saħħa u bit-tnaqqis tal-persunal li jżidu mal-isfidi speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-gżejjer u ż-żoni remoti u muntanjużi sabiex jiżguraw aċċessibilità għal servizzi tas-saħħa.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, John Bufton, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Jacek Olgierd Kurski, Petru Constantin Luhan, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Tomasz Piotr Poręba, Ovidiu Ioan Silaghi, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrea Cozzolino, Joseph Cuschieri, Ivars Godmanis, Juozas Imbrasas, Karin Kadenbach, James Nicholson, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Giommara Uggias, Iuliu Winkler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	António Fernando Correia de Campos, Sabine Verheyen